# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 39**

**Cit. Nru. 248/98 GCD**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud b'digriet tal-15 ta' Marzu 2001 nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Anouar Haddar u s-socjeta` Promtrade International Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet (Dok. "A1" u "A2") il-konvenuti nomine ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn disgha u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu

(Lm1,269.81c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numri 246772 u 246773;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat (Dok. “B”);

Illi s-socjeta` attrici sejhet kemm-il darba lill-konvenuti nomine sabiex ihallsuha l-ammont imsemmi izda dawn baqghu ma hallsux;  u

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;  u

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ elf mitejn disgha u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,269.81c0) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numri 246772 u 246773;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru, 1995;  u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali – kollha kontra l-konvenuti nomine.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Saviour Farrugia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-kuraturi f'isem il-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda ma ngiebet ebda raguni ghala l-konvenuti ghandhom jikkontestaw il-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm